SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

18 ta' Novembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2006/54/KE – Ugwaljanza tal-opportunitajiet u ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Artikoli 14 u 28 – Ftehim kollettiv nazzjonali li jagħti d-dritt għal leave wara l-leave legali tal-maternità għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom – Esklużjoni tad-dritt għal dan il-leave għall-ħaddiema rġiel – Protezzjoni tal-ħaddiema mara kemm fir-rigward tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħha – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni"

Fil-Kawża C-463/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Mejju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura

Syndicat CFTC du personnel de la Caisse primaire d'assurance maladie de la Moselle

vs

Caisse primaire d'assurance maladie de Moselle,

fil-preżenza ta':

Mission nationale de contrôle et d'audit des organismes de sécurité sociale,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen, C. Toader, M. Safjan (Relatur) u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għas-Syndicat CFTC du personnel de la Caisse primaire d'assurance maladie de la Moselle, minn L. Pate, avocat,

– għall-Caisse primaire d'assurance maladie de Moselle, minn L. Besse, avocat,

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères, R. Coesme u A. Ferrand, bħala aġenti,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, A. Pimenta, P. Barros da Costa u J. Marques, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Szmytkowska u C. Valero, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn is-Syndicat CFTC du personnel de la Caisse primaire d'assurance maladie de la Moselle (is-Sindakat CFTC tal-Persunal tal-Fond Lokali ta' Assigurazzjoni għall-Mard tal-Moselle, iktar 'il quddiem is-"Sindakat CFTC") u l-Caisse primaire d'assurance maladie de Moselle (il-Fond Lokali ta' Assigurazzjoni għall-Mard tal-Moselle, iktar 'il quddiem iċ-"CPAM") dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti lil CY, il-missier ta' wild, il-leave għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom previst fl-Artikolu 46 tal-Convention collective nationale de travail du personnel des organismes de sécurité sociale (il-Ftehim Kollettiv Nazzjonali ta' Xogħol għall-Persunal tal-Korpi tas-Sigurtà Soċjali), tat-8 ta' Frar 1957, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Kollettiv").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 92/85/KEE

3 Fid-dawl tal-erbatax sat-tmintax-il premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110):

"Billi l-vulnerabbiltà tal-ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentament jew li qed ireddgħu tirrendi neċessarju għalihom li jingħataw id-dritt ta' *leave* tal-maternità ta' mill-inqas 14-il ġimgħa kontinwi, allokati qabel u/jew wara l-ħlas, u jirrendi neċessarju n-natura obbligatorja tal-*leave* tal-maternità għal mill-inqas ġimagħtejn, allokati qabel u/jew wara l-ħlas;

Billi r-riskju ta' tkeċċija għal raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom jista' jkollu effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentament jew li qed ireddgħu; billi għandha ssir dispożizzjoni biex tiġi pprojbita din it-tkeċċija;

Billi l-miżuri għall-organizzazzjoni tax-xogħol li jikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentement jew ħaddiema li qed ireddgħu ma jservu l-ebda skop kemm-il darba ma jkunux akkumpanjati minn ħarsien ta' drittijiet annessi mal-kuntratt ta' l-impjieg, inkluż li jibqa' jsir il-ħlas u/jew l-intitolament għal *allowance* adegwata;

Billi, barra minn hekk, il-provvediment ta' *leave* tal-maternità ma jservu l-ebda skop kemm-il darba ma jkunux akkumpanjati minn ħarsien tad-drittijiet marbuta mal-kuntratt ta' l-impjieg u/jew drittijiet għal *allowance* adegwata;

Billi l-kunċett ta' *allowance* adegwata fil-każ tal-*leave* tal-maternità għandu jitqies bħala punt tekniku ta' referenza biex jiġi ffissat il-livell minimu ta' protezzjoni u m'għandu qatt jiġi interpretat li t-tqala u l-mard huma analogi".

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Skop", jgħid li:

"1. L-iskop ta' din id-Direttiva, li hija l-għaxar Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva [tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349)], huwa li jimplementa miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu.

2. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [89/391], ħlief għall-Artikolu 2(2) tagħha, għandhom japplikaw kollha fl-intier tagħhom għas-settur kollu li jaqa' taħt paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stringenti u/jew speċifiċi li jinsabu f'din id-Direttiva.

3. Din id-Direttiva ma jistax ikollha l-effett li tnaqqas il-livell ta' protezzjoni mogħtija lil ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu, meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti f'kull Stat Membru fid-data meta tiġi adottata din id-Direttiva."

5 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85, intitolat "Leave tal-Maternità", jipprevedi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2 huma intitolati għal żmien kontinwu ta' *leave* tal-maternità ta' mill-inqas 14-il ġimgħa, allokati qabel u/jew wara l-ħlas skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali.

2. Il-*leave* tal-maternità stipulat fil-paragrafu 1 għandu jinkludi *leave* tal-maternità obbligatorju ta' mill-inqas ġimagħtejn qabel u/jew wara l-ħlas skond il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali."

6 L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-Projbizzjoni ta' Tkeċċija", jistabbilixxi li:

"Sabiex jiġi garantit għall-ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, l-eserċizzju tad-drittijet tagħhom tal-protezzjoni tas-saħħa kif rikonoxxuti taħt dan l-Artikolu, għandu jiġi pprovdut illi:

1) l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex tiġi pprojbita t-tkeċċija ta' ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, matul iż-żmien mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8(1), barra minn każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali u, meta applikabbli, sakemm l-awtorita' kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha;

2. jekk ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, tiġi mkeċċa waqt iż-żmien imsemmi fil-punt 1, min iħaddimha jrid jiddikjara motivi ġġustifikati għat-tkeċċija tagħha, bil-miktub;

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jipproteġu l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, minn konsegwenzi ta' tkeċċija li hija llegali skond il-punt 1."

7 L-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Drittijiet marbuta mal-kuntratt ta' l-impjieg", huwa fformulat kif ġej:

"Sabiex jiġi ggarantit għall-ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, l-eserċizzju tad-drittijet tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tagħhom kif rikonoxxuti f' dan l-Artikolu, għandu jiġi provdut illi:

1. fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 6 u 7, id-drittijiet ta' impjieg relatati mal-kuntratt ta' l-impjieg, inkluż il-ħarsien ta' ħlas ta', u/jew l-intitolament għal benefiċċju adegwata għal, ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, għandhom jiġu żgurati skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali;

2. fil-każ imsemmi fl-Artikolu 8, dan li ġej għandu jiġi żgurat:
   (a) id-drittijiet konnessi mal-kuntratt ta' l-impjieg tal-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, barra minn dawk imsemmija f'punt (b) hawn taħt;
   (b) il-manteniment ta' ħlas ta', u/jew intitolament, għal *allowance* xierqa għal, ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2;

3. l-*allowance* msemmija fil-punt 2(b) għandha titqies bħala xierqa jekk tiggarantixxi dħul mill-inqas ekwivalenti għal dak li l-ħaddiema kkonċernata kienet tirċievi kieku waqfet temporanjament mill-attivitajiet tagħha għal raġunijiet ta' saħħa, soġġetta għal kull limitu stabbilit taħt il-leġislazzjoni nazzjonali;

4. L-Istati Membri jistgħu jissoġġettaw id-dritt għall-ħlas jew għall-*allowance* msemmija fil-punti 1 u 2(b) għall-kundizzjoni li l-ħaddiema kkonċernata tissoddisfa l-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għal dawn il-benefiċċji skond il-leġislazzjoni nazzjonali.

Dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jipprovdu għal perijodi ta' impjieg preċedenti iktar minn12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas."

Id-Direttiva 2006/54

8 Skont il-premessi 24 u 25 tad-Direttiva 2006/54:

"(24) Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistement irrikkonoxxiet il-leġittimità, rigward il-prinċipju tat-trattament ugwali, li jipproteġi l-kondizzjoni bijoloġika tal-mara waqt it-tqala u l-maternità, u li jiġu introdotti miżuri ta' protezzjoni għall-maternità bħala mezz biex tintlaħaq ugwaljanza sostanzjali. Din id-Direttiva għandha għalhekk tkun bla preġudizzju għad-Direttiva [92/85]. Din id-Direttiva għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż bejn l-UNICE, s-CEEP u l-ETUC [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285)].

(25) Għal raġunijiet ta' kjarezza, huwa wkoll xieraq li tagħmel dispozizzjonijiet espressi għall-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol tan-nisa dwar il-leave tal-maternità u partikolarment id-dritt tagħhom li jirritornaw għall-istess post jew għal post ekwivalenti u li ma jsofru ebda detriment fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet bħala riżultat li jieħdu dak il-leave u li jibbenefikaw minn kull titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kienu jkunu intitolati waqt l-assenza tagħhom."

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54, intitolat "Għan", jgħid li:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

(a) l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u t-taħriġ vokazzjonali;

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

(ċ) l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

Hi fiha wkoll dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li din l-implimentazzjoni tkun aktar effettiva permezz ta' l-istabbiliment ta' proċeduri xierqa."

10 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu, li:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'diskriminazzjoni diretta': fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli".

11 L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni" jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

(a) kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjiegi, għal min jaħdem għal rasu jew għall-impjieg, inkluż il-kriterji ta'selezzjoni u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, tkun li tkun il-fergħa ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluż promozzjoni;

(b) aċċess għat-tipi kollha u għal-livelli kollha ta' gwida vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali avvanzat u taħriġ mill-ġdid, inkluża l-esperjenza prattika tax-xogħol;

(ċ) Impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inlużi sensji, kif ukoll paga kif previst fl-Artikolu 141 tat-Trattat [KE];

(d) sħubija, u involviment f'organizzazzjoni ta' ħaddiema jew ta' min iħaddem, jew kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jwettqu professjoni partikolari, inklużi l-benefiċċji provduti minn organizzazzjonijiet ta' din ix-xorta."

12 L-Artikolu 15 tal-istess direttiva, intitolat "Ritorn mill-leave tal-maternità", huwa fformulat kif ġej:

"Mara li qiegħda bil-leave tal-maternità għandu jkollha d-dritt, wara li jintemm il-perjodu tal-leave tal-maternità tagħha, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal kariga ekwivalenti b'termini u b'kondizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għaliha u li għadha tibbenifika minn kwalunkwe titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kien ikollha d-dritt matul l-assenza tagħha."

13 L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2006/54, intitolat "Relazzjoni mad-dsispożizzjonijiet Komunitarji u nazzjonali", jgħid li:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, partikolarment fir-rigward tat-tqala u l-maternità.

2. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet tad-Direttiva [96/34] u d-Direttiva [92/85]."

Id-dritt Franċiż

Il-Kodiċi tax-Xogħol

14 L-Artikolu L. 1225-17 tal-Kodiċi tax-Xogħol jgħid li:

"Impjegata mara hija intitolata għal-leave tal-maternità għal perijodu li għandu jibda sitt ġimgħat qabel id-data mistennija għall-ħlas u jintemm għaxar ġimgħat wara din id-data.

Fuq talba tal-impjegata mara u suġġetta għall-opinjoni favorevoli tal-professjonist fil-kura tas-saħħa li jkun qiegħed jissorvelja t-tqala, il-perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt ta' xogħol li għandu jibda qabel id-data mistennija għall-ħlas jista' jitnaqqas b'perijodu massimu ta' tliet ġimgħat. Il-perijodu sussegwenti għad-data mistennija għall-ħlas għandu mbagħad jiżdied bl-istess ammont ta' żmien.

Meta impjegata mara tkun iddiferixxiet parti mil-leave tal-maternità għal wara t-twelid tal-wild u tabib ikun ippreskrivielha waqfien mix-xogħol matul il-perijodu qabel id-data mistennija għall-ħlas, dan id-differiment għandu jiġi annullat u l-perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt ta' xogħol għandu jitnaqqas mill-ewwel jum tal-waqfien mix-xogħol. Il-perijodu inizjalment iddiferit għandu jitnaqqas bl-istess ammont ta' żmien."

Il-Ftehim Kollettiv

15 Skond l-Artikolu 1 tal-Ftehim Kollettiv:

"Dan il-ftehim jirregola r-relazzjonijiet bejn il-korpi tas-sigurtà soċjali, tal-allowances tal-familja u l-korpi l-oħra kollha mqiegħda taħt il-kontroll tagħhom (il-Federazzjoni Nazzjonali tal-Organi tas-Sigurtà Soċjali, l-Unjoni Nazzjonali tal-Fondi tal-Allowances tal-Familja, il-fondi lokali, il-fondi reġjonali tax-xjuħija u tal-invalidità, il-fondi tal-allowances tal-familja, il-korpi ta' rkupru tal-kontribuzzjonijiet, is-servizzi soċjali, il-fondi ta' previdenza tal-persunal, eċċ.) u l-persunal ta' dawn il-korpi u tal-istabbilimenti tagħhom li għandhom is-sede tagħhom fi Franza jew fid-Dipartimenti extra-Ewropej."

16 L-Artikoli 45 u 46 tal-Ftehim Kollettiv jaqgħu taħt it-Taqsima "L." tiegħu, intitolata "Leave tal-maternità".

17 L-Artikolu 45 tal-Ftehim Kollettiv jistabbilixxi li:

"Matul il-leave legali tal-maternità, il-membri tal-persunal li għandhom mill-inqas sitt xhur anzjanità għandhom jibqgħu jiċievu s-salarju. Dan ma jistax jiġi akkumulat ma' allowances ta' kuljum dovuti lill-membri tal-persunal bħala persuni assigurati.

Dan il-leave ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni għad-dritt għal-leave tal-mard u ma jista' jwassal għal ebda tnaqqis fit-tul tal-leave annwali."

18 L-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv jgħid li:

"Mal-iskadenza tal-leave previst fl-artikolu preċedenti, impjegata li tkun qiegħda trabbi hija stess lill-wild tagħha hija intitolata suċċessivament għal:

– tliet xhur leave b'nofs paga, jew xahar u nofs leave b'paga sħiħa;

– sena leave mingħajr paga.

Madankollu, meta l-impjegata tkun mara waħedha jew meta l-konjuġi jew is-sieħeb tagħha jkun imċaħħad mir-riżorsi abitwali tiegħu (invalidità, mard fit-tul, servizz militari), hija għandha tkun intitolata għal tliet xhur leave b'paga sħiħa.

Mal-iskadenza tal-leave previst hawn fuq, il-benefiċjarja għandha tiġi reintegrata b'mod sħiħ fl-impjieg tagħha.

B'mod eċċezzjonali, il-bord ta' ġestjoni jista' jagħti sena oħra ta' leave mingħajr paga. F'dan il-każ, l-impjegata għandha tiġi reintegrata biss suġġett għall-karigi disponibbli, li għalihom għandha jkollha prijorità, fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha jew f'organizzazzjoni oħra, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 iktar 'il fuq.

Meta l-imsemmi leave jiġġedded, il-bord ta' ġestjoni jista', f'każijiet speċifiċi, jieħu impenn formali għar-reintegrazzjoni immedjata.

Leave mingħajr paga, kopert minn dan l-artikolu, għandu jkollu l-istess effetti bħal-leave previst fl-Artikolu 40 iktar 'il fuq fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim preżenti u tal-iskema tal-pensjoni."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 CY ġie rreklutat miċ-CPAM sabiex jaħdem bħala impjegat bħala "kontrollur tas-servizzi, kategorija ta' impjegat jew ta' maniġer". Huwa l-missier ta' wild imwieled f'April 2016.

20 F'dan ir-rigward, huwa talab sabiex jibbenefika mil-leave previst fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv, li jipprovdi li, meta jintemm il-leave previst fl-Artikolu 45 ta' dan il-ftehim kollettiv, l-impjegata li trabbi hija stess lill-wild tagħha għandha tkun intitolata suċċessivament għal tliet xhur leave b'nofs paga jew għal xahar u nofs leave b'paga sħiħa kif ukoll għal sena leave mingħajr paga.

21 Iċ-CPAM irrifjuta li jilqa' t-talba ta' CY għar-raġuni li l-vantaġġ previst fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv huwa rriżervat għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom.

22 Is-Sindakat CFTC talab lid-direttorat tal-korp tas-sigurtà soċjali jestendi l-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema rġiel li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom.

23 Din it-talba ġiet miċħuda għar-raġuni li, skont il-formulazzjoni ta' dan l-artikolu, il-leave previst jingħata biss lil omm il-wild, peress li t-terminu "impjegata" huwa fil-femminil, u li l-imsemmi artikolu ma huwiex diskriminatorju sa fejn huwa anċillari għall-Artikolu 45 tal-ftehim kollettiv, li jagħti vantaġġ biss lin-nisa.

24 Fis-27 ta' Diċembru 2017, is-Sindakat CFTC, li qiegħed jintervjeni favur CY, ippreżenta rikors kontra ċ-CPAM quddiem il-conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza), il-qorti tar-rinviju, billi sostna li d-deċiżjoni ta' rifjut li CY jingħata l-benefiċċju tal-leave previst fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ipprojbita kemm mid-dritt tal-Unjoni kif ukoll mid-dritt Franċiż. Fil-fatt, l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv ma huwiex anċillari għall-Artikolu 45 ta' dan il-ftehim kollettiv, peress li, b'differenza minn dan l-Artikolu 45, l-Artikolu 46 ma huwiex marbut ma' kunsiderazzjonijiet ta' natura fiżjoloġika. Peress li l-irġiel u n-nisa huma ugwali fir-rigward tar-responsabbiltà tal-edukazzjoni ta' wliedhom, il-ħaddiema rġiel impjegati miċ-CPAM għandhom jibbenefikaw ukoll mill-vantaġġ previst fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv.

25 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, permezz ta' sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) iddeċidiet li l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv għandu l-għan li jagħti leave supplimentari tal-maternità fl-iskadenza tal-leave legali tal-maternità mfakkar fl-Artikolu 45 ta' dan il-ftehim kollettiv u li b'hekk huwa intiż għall-protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn il-mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara t-tqala u l-ħlas.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-Direttiva [2006/54] moqrija fid-dawl tal-Artikoli 8 u 157 TFUE, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tat-trattament ugwali u tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u tal-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni [Ewropea], għandha tiġi interpretata fis-sens li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-[Ftehim Kollettiv], li jirriżerva lill-impjegati nisa [tal-]korpi [kkonċernati] li jrabbu lit-tfal tagħhom huma stess, leave ta' tliet xhur b'nofs paga jew leave ta' xahar u nofs b'paga sħiħa u leave mingħajr paga ta' sena, wara l-leave tal-maternità?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

27 Iċ-CPAM isostni, prinċipalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex manifestament ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula, fid-dawl tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex mitluba tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati jew dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe att li jkun ġie adottat minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni.

28 Iċ-CPAM isostni li, bl-iskuża ta' talba għal deċiżjoni preliminari, is-Sindakat CFTC qiegħed jipprova, fir-realtà, jikseb "invalidazzjoni supranazzjonali" tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv, kif interpretat mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), fid-dawl tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma

għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tivverifika l-konformità tad-dritt nazzjonali, inkluż il-ġurisprudenza tal-Istati Membri, mad-dritt tal-Unjoni, u lanqas sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li s-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE hija bbażata fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kuntest ta' kawża ppreżentata skont dan l-artikolu, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għandha ssir mill-qrati tal-Istati Membri u mhux mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ma huwiex kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' regoli ta' dritt intern mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti lill-qorti nazzjonali l-gwidi kollha għall-interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tevalwa l-kompatibbiltà ta' regoli ta' dritt intern mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (sentenza tat-30 ta' April 2020, CTT – Correios de Portugal, C-661/18, EU:C:2020:335, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għalkemm huwa minnu li mill-qari tad-domanda preliminari flimkien mal-motivi esposti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni, ma hemm xejn li jwaqqaf lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju billi tipprovdilha l-elementi ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tiddeċiedi hija stess dwar il-kompatibbiltà tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, sa fejn id-domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2020, CTT – Correios de Portugal, C-661/18, EU:C:2020:335, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-kawża prinċipali, li tirrigwarda l-għoti ta' leave abbażi tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv, tikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol, fis-sens tal-punt (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54. Għaldaqstant, din it-tilwima taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, li tissemma fid-domanda magħmula.

32 Kuntrarjament għal dak li jsostni ċ-CPAM, il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob għalhekk l-interpretazzjoni ta' att tal-Unjoni.

33 Għaldaqstant, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tiddeċiedi hija stess dwar il-kompatibbiltà tad-dritt intern tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

34 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula.

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

35 Il-Gvern Franċiż isostni li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn din id-deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni dwar in-neċessità li ssir domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju tillimita ruħha li tirriproduċi l-argumenti ppreżentati quddiemha, mingħajr ma tindika r-raġunijiet preċiżi li jwassluha sabiex tqis neċessarju li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja.

36 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirreferi għal diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), mingħajr madankollu ma tispjega r-rabta tagħhom mad-domanda magħmula. Il-Gvern Franċiż isostni li, jekk jitqies li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli, din id-domanda għandha tingħata risposta sa fejn din tirrigwarda d-Direttiva 2006/54, u mhux sa fejn din tikkonċerna l-Artikoli 8 u 157 TFUE kif ukoll l-Artikoli 20, 21 u 23 tal-Karta.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza (sentenza tat-2 ta' April 2020, Reliantco Investments u Reliantco Investments Limassol Sucursala Bucureşti, C-500/18, EU:C:2020:264, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, minn naħa, jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mitluba bl-ebda mod ma hija relatata mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha, hija tista' tiċħad it-talba għal deċiżjoni preliminari bħala inammissibbli (sentenza tat-2 ta' April 2020, Reliantco Investments u Reliantco Investments Limassol Sucursala Bucureşti, C-500/18, EU:C:2020:264, punt 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 Min-naħa l-oħra, minħabba l-ispirtu ta' kooperazzjoni li jeżisti fir-relazzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, l-assenza ta' ċerti konstatazzjonijiet magħmula minn qabel mill-qorti tar-rinviju ma twassalx neċessarjament għall-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari jekk, minkejja dawn in-nuqqasijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-elementi li jirriżultaw mill-proċess, tqis li tkun f'pożizzjoni li tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju (sentenza tat-2 ta' April 2020, Reliantco Investments u Reliantco Investments Limassol Sucursala Bucureşti, C-500/18, EU:C:2020:264, punt 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li huwa minnu li d-deċiżjoni tar-rinviju hija ta' natura konċiża fir-rigward tal-espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/54 u li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE kif ukoll tal-Karta jissemmew biss fid-domanda magħmula.

41 Madankollu, l-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju rriproduċiet l-argumenti tas-Sindakat CFTC dwar in-nuqqas ta' konformità tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv mad-dritt tal-Unjoni. Kif osserva l-Gvern Franċiż stess, meta għamlet id-domanda preliminari kif ġiet proposta lilha mis-Sindakat CFTC, il-qorti tar-rinviju impliċitament aċċettat id-dubji espressi minn dan is-sindakat dwar il-kompatibbiltà ta' dan l-artikolu tal-Ftehim Kollettiv mad-Direttiva 2006/54. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tar-rinviju tippermetti li jinftiehmu r-raġunijiet li għalihom il-qorti tar-rinviju qieset li kien neċessarju li tagħmel din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja.

42 Barra minn hekk, iċ-CPAM, il-Gvern Franċiż u dak Portugiż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea kellhom l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-domanda magħmula.

43 It-tieni nett, id-domanda magħmula hija fformulata fis-sens li tirreferi għad-Direttiva 2006/54, peress li din għandha tiġi interpretata "fid-dawl" tal-Artikoli 8 u 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 20, tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 23 tal-Karta. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju ma titlobx interpretazzjoni awtonoma ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta, peress li dawn jissemmew biss insostenn tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/54.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li d-deċiżjoni tar-rinviju tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura.

45 Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

46 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2006/54 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni ta' ftehim kollettiv nazzjonali li tirriżerva għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom id-dritt għal leave wara l-iskadenza tal-leave legali tal-maternità, peress li l-ħaddiema rġiel huma mċaħħda mid-dritt għal tali leave.

47 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54 jipprojbixxi kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol.

48 Fil-kuntest ta' din id-direttiva, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa testendi għall-ftehimiet kollha intiżi sabiex jirregolaw b'mod kollettiv ix-xogħol bis-salarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2004, Sass, C-284/02, EU:C:2004:722, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Barra minn hekk, għalkemm, skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/54, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta s-sitwazzjoni "fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli", l-Artikolu 28 ta' din id-direttiva jippreċiża li din ma tipprekludix id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tqala u tal-maternità, u li din hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/85.

50 Għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-omm ta' wild, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt għal leave tal-maternità mogħti lill-ħaddiema tqal għandu jitqies bħala mezz ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet soċjali. Il-leġiżlatur tal-Unjoni għaldaqstant qies li t-tibdiliet essenzjali fil-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' persuni kkonċernati matul il-perijodu limitat ta' mill-inqas erbatax-il ġimgħa qabel u wara l-ħlas kienu jikkostitwixxu raġuni legali li jiġi sospiż l-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħhom, mingħajr ma l-legalità ta' din ir-raġuni tista' tiġi imminata, b'mod kwalunkwe, mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn min jimpjega (sentenzi tal-20 ta' Settembru 2007, Kiiski, C-116/06, EU:C:2007:536, punt 49, u tal-21 ta' Mejju 2015, Rosselle, C-65/14, EU:C:2015:339, punt 30).

51 Fil-fatt, kif irrikonoxxa l-leġiżlatur tal-Unjoni fl-erbatax-il premessa tad-Direttiva 92/85, il-ħaddiema tqila, il-ħaddiema li tkun welldet reċentement jew li tkun qiegħda tredda' tinsab f'sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà li teżiġi dritt għal leave tal-maternità, iżda li, speċjalment

matul dan il-leave, ma tistax titqabbel ma' dik ta' raġel jew ta' mara li tibbenefika minn leave tal-mard (ara s-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1998, Boyle *et*, C-411/96, EU:C:1998:506, punt 40, kif ukoll tat-18 ta' Marzu 2014, D., C-167/12, EU:C:2014:169, punt 33).

52 Dan il-leave tal-maternità huwa intiż li jiżgura, minn naħa, il-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara matul it-tqala tagħha kif ukoll wara t-tqala u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn il-mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara t-tqala u l-ħlas, billi tipprekludi d-distorsjoni ta' dawn ir-rabtiet mill-piż żejjed li jirriżulta mill-eżerċizzju fl-istess żmien ta' attività professjonali (sentenzi tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann, 184/83, EU:C:1984:273, punt 25, u tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu, C-12/17, EU:C:2018:799, punt 34).

53 Barra minn hekk, id-Direttiva 92/85, li fiha rekwiżiti minimi, bl-ebda mod ma teskludi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ogħla lill-ħaddiema nisa tqal, li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu, billi jżommu jew jistabbilixxu miżuri ta' protezzjoni iktar favorevoli għalihom sakemm dawn il-miżuri jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, TSN u YTN, C-512/11 u C-513/11, EU:C:2014:73, punt 37, kif ukoll tal-14 ta' Lulju 2016, Ornano, C-335/15, EU:C:2016:564, punt 35).

54 Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li miżura bħal leave tal-maternità, mogħtija lill-mara wara l-iskadenza tat-terminu legali ta' protezzjoni, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, sa fejn hija intiża għall-protezzjoni tal-mara fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħha. F'dan ir-rigward, tali leave jista' jiġi rriżervat leġittimament għall-omm, bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra, fid-dawl tal-fatt li hija biss l-omm li tista' ssib ruħha taħt pressjoni mhux mixtieqa li terġa' tibda x-xogħol tagħha b'mod prematur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann, 184/83, EU:C:1984:273, punt 26).

55 Għal dak li jirrigwarda l-kwalità ta' ġenitur, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-sitwazzjoni ta' ħaddiem raġel u dik ta' ħaddiema mara li għandha wkoll din il-kwalità huma paragunabbli għal dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tal-ulied (sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1988, Il-Kummissjoni vs Franza, 312/86, EU:C:1988:485, punt 14, u tat-12 ta' Diċembru 2019, Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-pensjoni lill-ommijiet), C-450/18, EU:C:2019:1075, punt 51). Konsegwentement, miżuri intiżi għall-protezzjoni tan-nisa fil-kwalità tagħhom ta' ġenituri ma jistgħux jiġu ġġustifikati abbażi tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar, C-366/99, EU:C:2001:648, punt 44).

56 B'hekk mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, wara l-iskadenza tal-leave legali tal-maternità, Stat Membru jista' jirriżerva għall-omm il-wild leave supplimentari meta dan tal-aħħar ikun qiegħed jirreferi għaliha, mhux fil-kwalità tagħha ta' ġenitur, iżda fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħha.

57 Hekk kif jirriżulta mill-punt 52 ta' din is-sentenza, tali leave supplimentari għandu jkun intiż sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara kif ukoll tar-relazzjoni speċjali li hija għandha mal-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara l-ħlas.

58 F'dan ir-rigward, kif osserva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan ta' protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn il-mara u l-wild tagħha tagħha ma jistax madankollu jkun biżżejjed, waħdu, sabiex jeskludi l-missirijiet mill-benefiċċju ta' perijodu ta' leave supplimentari.

59 F'dan il-każ, l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv jgħid li, fl-iskadenza tal-leave legali tal-maternità, imsemmi fl-Artikolu 45 ta' dan il-ftehim kollettiv, l-impjegata li trabbi hija stess lill-wild tagħha għandha tkun intitolata suċċessivament għal tliet xhur leave b'nofs paga jew għal xahar u nofs leave b'paga sħiħa kif ukoll għal sena leave mingħajr paga, peress li huwa possibbli li dan il-leave jiġġedded għal perijodu ta' sena.

60 Għandu jiġi osservat li ftehim kollettiv li jeskludi mill-benefiċċju ta' tali leave supplimentari ħaddiem raġel li jrabbi huwa stess lill-wild tiegħu joħloq differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa.

61 Kif jirriżulta mill-punti 52 u 54 ta' din is-sentenza, huwa biss jekk tkun intiża għall-protezzjoni tal-omm fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħha, jiġifieri jekk tkun intiża sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara kif ukoll tar-relazzjoni speċjali li hija jkollha mal-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara l-ħlas, li tali differenza fit-trattament tidher li tkun kompatibbli mad-Direttiva 2006/54. Fil-każ li l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv japplika għan-nisa biss fil-kwalità tagħhom ta' ġenitur, dan l-artikolu joħloq diskriminazzjoni diretta fir-rigward tal-ħaddiema rġiel, ipprojbita mill-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva.

62 Hekk kif l-Avukat Ġenerali osserva fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex leave mogħti wara l-leave legali tal-maternità jkun jista' jiġi rriżervat għall-ħaddiema nisa jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan il-leave, it-tul u l-modalitajiet ta' eżerċizzju tiegħu kif ukoll il-livell ta' protezzjoni ġuridika relatat miegħu.

63 Qabelxejn, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' tali leave għandhom ikunu marbuta direttament mal-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika u psikoloġika tal-mara kif ukoll tar-relazzjoni speċjali bejn il-mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara l-ħlas. B'hekk, b'mod partikolari, dan il-leave għandu jingħata lin-nisa kollha li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, indipendentement mill-anzjanità tagħhom fl-impjieg tagħhom u mingħajr ma jkun neċessarju l-kunsens tal-persuna li timpjega.

64 Sussegwentement, it-tul u l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' leave tal-maternità supplimentari għandhom konsegwentement jiġu adattati ukoll sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni bijoloġika u psikoloġika tal-mara kif ukoll ir-relazzjoni speċjali bejn il-mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara l-ħlas, mingħajr ma jinqabeż it-tul li jidher neċessarju għal tali protezzjoni.

65 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni ġuridika, peress li dan il-leave għandu l-istess għan bħall-leave legali tal-maternità, dan għandu jkun konformi mal-protezzjoni minima ggarantita għal dan il-leave legali mid-Direttivi 92/85 u 2006/54. B'mod partikolari, is-sistema legali tal-leave supplimentari għandha tiżgura protezzjoni kontra t-tkeċċija u ż-żamma ta' remunerazzjoni u/jew il-benefiċċju ta' allowance adegwata għall-ħaddiema nisa, taħt kundizzjonijiet konformi ma' dawk stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 92/85, kif ukoll id-dritt, bħal dak imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/54, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal impjieg ekwivalenti taħt kundizzjonijiet li ma humiex inqas favorevoli u li tibbenefika minn kull titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li l-ħaddiema kellha dritt għalihom matul l-assenza tagħha.

66 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leave prevista fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv jissodisfax il-kundizzjonijiet li jippermettu li jitqies li huwa intiż sabiex jipproteġi l-ħaddiema nisa kemm fir-rigward tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħhom.

67 Kif ġie osservat fil-punt 29 ta' din is-sentenza, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest ta' din il-kawża, dwar il-kompatibbiltà ta' dan l-artikolu tal-Ftehim Kollettiv mad-Direttiva 2006/54. Min-naħa l-oħra, hija għandha tipprovdi l-elementi kollha għall-interpretazzjoni tagħha sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju tevalwa din il-kompatibbiltà.

68 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li leave li jittieħed meta jintemm il-leave legali tal-maternità jista' jitqies li jifforma parti integrali minn leave tal-maternità itwal u iktar favorevoli għall-ħaddiema nisa mit-tul legali.

69 Madankollu, għandu jitfakkar li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 54 ta' din is-sentenza, il-possibbiltà li jiġi stabbilit leave rriżervat għall-ommijiet wara l-iskadenza tal-leave legali tal-maternità hija suġġetta għall-kundizzjoni li dan ikun intiż għall-protezzjoni tan-nisa. Konsegwentement, is-sempliċi fatt li leave jittieħed immedjatament wara l-leave legali tal-maternità ma huwiex biżżejjed sabiex jitqies li dan jista' jiġi rriżervat għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom.

70 It-tieni nett, it-titolu tal-kapitolu tal-Ftehim Kollettiv li taħtu taqa' d-dispożizzjoni li tipprevedi tali leave supplimentari ma jikkostitwixxix element rilevanti sabiex tiġi eżaminata l-konformità ta' tali dispożizzjoni mad-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju għandha, fil-fatt, tivverifika konkretament jekk il-leave prevista huwiex intiż, essenzjalment, għall-protezzjoni tal-omm fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħha.

71 It-tielet nett, il-Gvern Franċiż jinvoka s-sentenza tat-30 ta' April 1998, Thibault (C-136/95, EU:C:1998:178), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv kien jikkostitwixxi leave tal-maternità.

72 Madankollu, il-punt 12 ta' din is-sentenza, li jirreferi għalih il-Gvern Franċiż, ma jikkonċernax ir-raġunament ġuridiku u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda biss il-fatti kif irriżultaw mit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza.

73 Ir-raba' nett, għandu jiġi osservat li t-tul tal-leave prevista fl-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv jista' jvarja ħafna, minn xahar u nofs sa sentejn u tliet xhur. Dan il-perijodu jista' għalhekk ikun ferm itwal minn dak tal-leave legali tal-maternità, ta' sittax-il ġimgħa, prevista fl-Artikolu L. 1225–17 tal-Kodiċi tax-Xogħol, li għalih jirreferi l-Artikolu 45 tal-Ftehim Kollettiv. Barra minn hekk, meta l-leave jittieħed għal perijodu ta' sena jew sentejn, dan ikun "mingħajr paga", li ma jidhirx li jiżgura ż-żamma ta' remunerazzjoni u/jew il-benefiċċju ta' allowance adegwata għall-ħaddiema mara, kundizzjoni meħtieġa mill-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/85 għal-leave tal-maternità.

74 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikoli 14 u 28 tad-Direttiva 2006/54, moqrija fid-dawl tad-Direttiva 92/85, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux id-dispożizzjoni ta' ftehim kollettiv nazzjonali li jirriżerva għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom id-dritt għal leave wara l-iskadenza tal-leave legali tal-maternità, bil-kundizzjoni li dan il-leave supplimentari jkun intiż għall-protezzjoni tal-ħaddiema nisa fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħhom, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti

tar-rinviju, billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-imsemmi leave, il-modalitajiet u t-tul tiegħu kif ukoll il-livell ta' protezzjoni ġuridika relatat miegħu.

Fuq l-ispejjeż

75 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 14 u 28 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, moqrija fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux id-dispożizzjoni ta' ftehim kollettiv nazzjonali li jirriżerva għall-ħaddiema nisa li jrabbu huma stess lill-wild tagħhom id-dritt għal leave wara l-iskadenza tal-leave legali tal-maternità, bil-kundizzjoni li dan il-leave supplimentari jkun intiż għall-protezzjoni tal-ħaddiema nisa fir-rigward kemm tal-konsegwenzi tat-tqala kif ukoll tal-kundizzjoni tal-maternità tagħhom, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-imsemmi leave, il-modalitajiet u t-tul tiegħu kif ukoll il-livell ta' protezzjoni ġuridika relatat miegħu.

Firem